MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2006

Numru 4/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Dr Noel Arrigo LL.D.**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell interpost mill-akkuzat Dr Noel Arrigo LL.D. minn sentenza preliminari moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 li permezz taghha kienet iddisponiet mill-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-akkuzat bil-mod segwenti:

**“Konsegwentement, din il-Qorti qed tiddisponi mill-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat billi fl-ewwel lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni li giet ceduta f’dan l-istadju b’rizerva kif fuq intqal. Tichad it-tieni eccezzjoni. Tiddikjara li kif gie impostat, l-ewwel paragrafu tan-nota tal-akkuzat fuq referita ma jistax jiftiehem bhala eccezzjoni preliminari w, inqas u inqas, bhala xi eccezzjoni akkampata fuq l-artikolu 449(1)(f) u (4) tal-Kodici Kriminali, invokati mid-difiza w li tali eccezzjoni ma tistax tigi mibdula w estiza f’dan is-sens f’dan l-istadju w li, anki kieku dan ma kienx il-kaz, din il-Qorti ma tistax taghti rimedju kostituzzjonali li l-Qorti Kostituzzjonali stess u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem espressament ma tawx, billi tordna li dan il-process jieqaf kif qed jippretendi l-akkuzat.”**

**2.** Ghall-ahjar intendiment tas-sentenza odjerna, tajjeb li wiehed jirrikapitola ftit x’gara mill-prezentata ta’ l-Att ta’ Akkuza sal-lum f’dawn il-proceduri. Fit-28 ta’ Jannar 2005, l-Avukat Generali pprezenta l-Att ta’ Akkuza numru 4/2005 fil-Qorti Kriminali li permezz taghha huwa akkuza lil Dr Noel Arrigo LL.D. taht tliet kapi. Fl-ewwel kap l-imsemmi Arrigo jinsab akkuzat b’korruzzjoni bi ksur ta’ l-Artikolu 115(b)(c) tal-Kodici Kriminali. Fit-tieni kap huwa jinsab akkuzat bir-reat ta’ uzu ta’ influwenza mhux xierqa bi ksur tal-Artikoli 121A(2) u 141 tal-Kodici Kriminali; fil-waqt li t-tielet kap jakkuzah bir-reat ta’ kxif ta’ sigrieti ufficjali bi ksur tal-Artikolu 133 tal-imsemmi Kodici. Fid-9 ta’ Frar 2005, l-akkuzat ipprezenta nota li biha huwa ddikjara li kien qieghed jaghzel li l-guri tieghu jinstema’ u jigi deciz minn Imhallef u li ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jigu maghzula gurati. Fl-25 ta’ Frar 2005, imbaghad, l-imsemmi akkuzat – appellant odjern – ipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet li tghid hekk:

**“1. Illi, essendo li din il-Qorti hija issa msejjha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-esponent, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta’ Ottubru 2003, fejn gie dikjarat illi kien hemm lezjoni [ta’] d-dritt fundamentali tal-esponent ghal smigh xieraq garantit**

**mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u illi gie lez id-dritt fundamentali ta’ l-appellanti garantit mill-Artikolu 39(5) tal-istess Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(2) ta’ l-istess Konvenzjoni Ewropea u ghall-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea u din il-Qorti Kriminali ghandha tiehu konjizzjoni ta’ l-istess.**

**“2. Illi fit-tieni lok l-esponent jeccepixxi n-nullita` tat-tieni Kap tal-att ta’ akkuza stante li mill-fatti esposti fl-imsemmi Kap ma jinkwadrawx l-elementi kostituttivi tar-reat imsemmi fil-parti akkuzatorja.**

**“3. Illi fit-tielet lok l-inammissibilita` ta’ dokument HA u tat-traskrizzjonijiet maghmula konsegwenza ta’ l-istess,ipprezentat mix-xhud Herbert Agius fit-23 ta’ Settembru 2002, stante illi ma jissodisfawx ir-rekwiziti ta’ l-Att XVII tan-1996 u fi kwalunkwe kaz it-traskrizzjonijiet jammontaw ghal *hearsay* u ghalhekk ukoll ma jista’ jkollhom ebda valur probatorju.”**

Fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2005 quddiem il-Qorti Kriminali gie registrat, *inter alia*, hekk:

**“Dr George Abela [ghall-akkuzat] jiccara l-punt fis-sens illi l-kawza m’ghandhiex titmexxa ‘l quddiem.**

**“Il-kawza differita, peress li sar il-hin biex jibda l-guri, ghat-2 ta’ Frar 2006 fid-9.00 a.m. bil-fakolta` lill-partijiet illi jaghmlu nota ta’ osservazzjonijiet u referenza dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 449(f)[1] u 449(4) kif ukoll dwar jekk l-ispjegazzjoni li nghatat fis-seduta tal-lum mid-difiza tammontax ghal eccezzjoni gdida jew modifikazzjoni tal-eccezzjoni originali numru 1 u jekk dan hu l-kaz jekk dan jistax isir f’dan l-istadju.”**

---

[1] Recte: 449(1)(f).

**3.** Dawn in-noti gew prezentati, dik ta’ l-akkuzat fil-15 ta’ Dicembru 2005, u dik tal-Avukat Generali fid-19 ta’ Jannar 2006. F’din l-ahhar data l-Avukat Generali esibixxa wkoll, kif kien gie mitlub jaghmel mill-Qorti Kriminali fl-udjenza tal-15 ta’ Novembru 2005, kopja tad-decizjoni tar-Raba’ Sezzjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem moghtija fl-10 ta’ Mejju 2005 dwar l-ammissibilita` tal-applikazzjoni numru 6569/04 fl-ismijiet **Noel Arrigo and Patrick Vella v. Malta** (fol. 66 *et seq.*); u fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2006, l-akkuzat, tramite d-difensur tieghu, qabel li dak esibit kien kopja awtentika u korretta tal-original tas-sentenza tal-imsemmija Qorti Ewropea. It-trattazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali kompliet fl-udjenzi tas-6 ta’ Frar 2006 u 3 ta’ April 2006. F’din l-ahhar udjenza wiehed mid-difensuri tal-akkuzat ivverbalizza li *“it-tielet eccezzjoni li tirrigwarda l-allegazzjoni li dawn it-tapes u t-traskrizzjonijiet taghhom m’humiex ammissibbli ghax ma jissodisfawx ir-rekwizit tal-Att XVII tal-1996 u ghax jikkostitwixxu* ‘hearsay’ *ma tridx tigi deciza f’dan l-istadju imma fl-istadju tas-smigh tal-kawza mill-Imhallef togat waqt li qed jevalwa l-provi fid-dawl tar-rizultanzi kollha li jkunu saru waqt il-kawza u filwaqt li jirrizerva li jqajjem l-istess oggezzjoni fil-kors tas-smigh tal-kawza, jekk ikun il-kaz, hu jirtira l-eccezzjoni f’dan l-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari u dan bla pregudizzju dejjem ghall-ezitu tal-ewwel eccezzjoni. Giet ipprezentata nota ta’ cessjoni f’dan is-sens.”* Kien ghalhekk li s-sentenza appellata indirizzat biss l-ewwel u t-tieni punti sollevati fin-nota tal-akkuzat tal-25 ta’ Frar 2005.

**4.** L-akkuzat, permezz ta’ rikors ta’ appell prezentat fit-18 ta’ Lulju 2006, talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza fis-sens li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali li biha astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni preliminari, izda thassarha u tirrevokaha “f’dik il-parti taghha fejn cahdet iz-zewg eccezzjonijiet preliminari u konsegwentement tilqa’ l-istess u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.” L-aggravji tal-appellant huma bazikament tnejn. Fl-ewwel lok, huwa jikkontendi li l-Qorti Kriminali kienet skorretta meta sostniet li bir-referenza li huwa ghamel ghall-Artikoli 449(1)(f) u 449(4) tal-Kap. 9 huwa

kien qieghed "iwessa' jew jisposta l-bazi tal-ewwel eccezzjoni tieghu". L-appellant, kemm fir-rikors ta' appell kif ukoll fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana l-punt mill-abbili difensur tieghu Dott. George Abela, jikkontendi li l-ewwel paragrafu tan-nota ta' eccezzjonijiet preliminari kien effettivament jinkwadra taht dawn id-disposizzjonijiet, u dan bazikament ghax kien issa, f'dana l-istadju u b'applikazzjoni ta' dawn id-disposizzjonijiet, li l-Qorti Kriminali (u allura mhux aktar il-Qorti Istruttorja li kellha f'idejha l-kaz meta nghatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali) kellha taghti effett ghal dak ordnat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha meta qalet li *"…dak li, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghandu jsir sabiex jigi provvdut rimedju ghall-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-drittijiet fundamentali ta' l-appellanti, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati u applikati, huwa illi dan il-gudikat jingieb a konjizzjoni ta' dik il-Qorti illi eventwalment tigi msejha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-istess appellanti"*. Ghalhekk, isostni l-appellant, dawn il-proceduri ghandhom jieqfu hawn. Dwar it-tieni eccezzjoni, l-appellant jikkontendi bazikament illi l-ewwel Qorti zbaljat meta rrespingiet din l-eccezzjoni, u dan ghax *"…meta wiehed jigi biex jara l-fatti kif esposti fit-tieni kap, huwa car li dawn il-fatti ma jikkostitwixxux fis-sustanza r-reat migjub fl-istess kap proprju ghaliex l-*actus reus *deskritt mhux l-*actus reus *tar-reat kontemplat fl-Artikolu 121A(2) migjub kontra l-esponent f'dan it-tieni kap"*.

**5.** Dwar l-ewwel aggravju jkun opportun li din il-Qorti tirriproduci l-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Qorti Kriminali sabiex tiddeciedi kif effettivament iddecidiet dwar il-kwistjoni li essenzjalment hi jekk il-proceduri kontra l-appellant ghandhomx jieqfu hawn, cioe` fl-istadju tal-eccezzjonijiet preliminari. Dik il-Qorti qalet hekk:

**"Illi hu ovvju li l-ewwel punt li jrid jigi deciz fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni hu jekk fil-fatt din hix eccezzjoni w jekk hi, hix l-eccezzjoni li issa l-akkuzat qed jittanta li jakkampa fuq l-artikolu 449(1)(f) u (4) tal-Kodici Kriminali. Hu ovvju ukoll li mkien fil-paragrafu**

**konsistenti f'disa' versi li jikkontjeni l-ewwel *"eccezzjoni"* ma hemm l-icken riferenza ghal dawn l-artikoli jew remotament ghal xi eccezzjoni li tista' tinghata tahthom u, inqas w inqas, ghall-eccezzjoni li l-proceduri kriminali m'ghandhomx jitkomplew.**

**"Ghalhekk l-oggezzjoni tal-Avukat Generali li din l-eccezzjoni ghandha tigi deciza fuq kif originarjament hija impostata w formulata w li din il-Qorti ghandha tichad kull tentattiv biex din titwessa' jew tigi estiza biex tiftiehem kif issa qed jippretendi li ghandha tiftiehem l-akkuzat, tidher li zgur ma hix barra minn lokha.**

**"Di fatti, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Louis sive Lewis Bartolo" [14. 9.1981] *"mhux bizzejjed, ghalhekk, li wiehed fl-avviz semplicement jallega eccezzjoni jew eccezzjonijiet bla ma jispecifika l-motivi precizi li fuqhom qieghed jibbaza dik l-eccezzjoni jew eccezzjonijiet, jew inkella, dak li hu aghar, bla ma l-anqas jispecifika liema eccezzjoni qieghed jaghti."* Gie hemm ritenut ukoll li jekk fl-avviz dwar l-eccezzjoni, l-eccezzjoni hemm proposta ma tkunx identifikabbli, allura, ma tkunx tissodisfa l-vot tal-ligi. Intqal ukoll li :-**

***"""…ghandu jigi osservat illi n-nota valida tal-avviz dwar l-eccezzjonijiet preliminari, fil-forma u fiz-zmien preskritt mill-ligi, hija rekwizit bazilari stabilit mill-ligi ghall-allegazzjoni u eventwali trattazzjoni u decizjoni ta' l-eccezzjonijiet preliminari, u n-nuqqas ta' dan ir-rekwizit, li huwa l-att promotur li jaghti l-hajja lill-eccezzjoni, ma jistax jigi rettifikat jew kolmat bl-ebda att iehor jew intervent tal-Qorti."***

**"Illi fis-sentenza taghha dwar eccezzjonijiet preliminari, fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. John Attard" (Att ta' l-Akkuza 21/2003) [14.9.2004], li ma gietx mibdula jew varjata f'din il-parti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-15 ta'**

**Novembru, 2005, din il-Qorti ccitat b'approvazzjoni siltiet mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Imhallef (illum Prim Imhallef) Dr. V. De Gaetano, tat-28 ta' Lulju, 1999, konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 t' April, 2001, fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Pollacco", fejn si trattava ukoll ta' interpretazzjoni jew estensjoni tal-portata ta' eccezzjoni preliminari.**

**"Dik il-Qorti, meta ma ppermettietx li tigi estiza eccezzjoni bl-espedjent ta' nota li kienet tmur oltre l-eccezzjoni kif formulata originarjament, kienet qalet hekk:-**

***""L-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali, moqri flimkien ma' l-artikolu 449(1) jistabilixxi terminu perentorju li fih ghandhom jinghataw l-eccezzjonijiet preliminari w eccezzjonijiet dwar l-ammissibilita` ta' provi mill-akkuzat… Spiss qed jigri, pero`, li wara li jkunu inghataw dawn l-eccezzjonijiet, l-akkuzat jipprova – fit-trattazzjoni orali jew permezz ta' nota, jew addirittura fl-istadju tal-appell – jwessa' l-istess eccezzjonijiet jew jisposta l-bazi taghhom, b'mod li l-eccezzjoni tigi tkopri ferm aktar minn dak li jkun gie originarjament eccepit fin-nota prezentata entro t-terminu ta' hmistax il-jum tax-xoghol kif provvdut fl-imsemmi Artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali. Dan, fil-fehma ta' din il-Qorti, mhux permissibbli peress li jkun jammonta ghal evazjoni tat-terminu perentorju msemmi, b'mod li jkunu effettivament qed jigu sollevati eccezzjonijiet <u>wara</u> li jkun skada t-terminu. Dan qed jinghad ghax proprju fil-kaz odjern, l-akkuzat referibbilment ghall-eccezzjoni dwar l-ammisibilita` tal-provi, l-ewwel issolleva eccezzjoni li kienet kjarament limitata fil-portata taghha w wara, permezz ta' nota…sposta kompletament il-bazi ta' dik l-eccezzjoni b' mod li gie qed jissolleva eccezzjoni gdida."***

**"Dan hu simili hafna ghal dak li gara f'dan il-kaz. Wara li l-akkuzat fl-ewwel paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, ghamel dak li *prima facie* tidher**

**biss li hi invokazzjoni lil din il-Qorti biex tiehu konjizzjoni tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali w tal-proceduri, allura pendenti, quddiem il-Qorti Ewropea, issa qed jippretendi li din ghandha tiftiehem bhala eccezzjoni fis-sens li l-proceduri kriminali quddiem din il-Qorti m'ghandhomx jitkomplew minnhabba punt iehor ta' fatt illi minhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa ghall-mument, jew f'ebda zmien iehor 'il quddiem (art. 449(1)(f)) u/jew kull punt ta' fatt illi, minghajr ma jnehhi l-imputabilita` ta' l-akkuzat jew il-kapacita` tieghu li joqghod fil-kawza, ikun tali li minhabba fih l-akkuzat m'ghandux ikun soggett ghall-piena.**

**"Issa hu car li l-eccezzjoni taht l-art. 449(1)(f) trid tinghata ukoll fit-terminu w bil-mod kif preskritt fl-art. 438(2) u li jekk din l-eccezzjoni ser tigi ntrodotta issa bl-espedjent tat-twessiegh tas-sinifikat tal-ewwel paragrafu tal-eccezzjonijiet, ser jigri proprju dak li qalet li ma jistax isir din il-Qorti fis-sentenza fuq citata.**

**"Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju tista' tilqa' s-sottomissjoni tal-akkuzat li l-paragrafu in kwistjoni jista' jigi interpretat fis-sens li hu eccezzjoni skond l-art. 449(1)(f) *"to begin with"* u anki kieku kien hekk, ma jistax jigi interpretat u estiz b'dan il-mod ghax ikun qed johloq eccezzjoni ghal kollox gdida.**

**"Imbaghad, ghalkemm hu possibbli li wiehed igib 'il quddiem xi punt ta' fatt illi, minghajr ma jnehhi l-imputabilita` tal-akkuzat jew il-kapacita` tieghu li joqghod fil-kawza, jkun tali li minhabba fih l-akkuzat m'ghandux ikun suggett ghall-piena, wkoll wara l-verdett tal-guri, skond is-subinciz (4) tal-art. 449, dan is-subinciz qed jipprospetta kaz fejn il-process kriminali ikun sar u l-akkuzat addirittura jkun instab hati, ghaliex il-punt ta' fatt ma jkunx josta ghall-process kriminali w ma jkunx nehha l-imputabilita` tal-akkuzat. Konsegwentement din it-tip ta' eccezzjoni – anki kieku l-paragrafu in kwistjoni seta' jigi interpretat li jfisser hekk, li mhux il-kaz, xorta wahda qatt ma**

**tista' tiftiehem li l-proceduri kriminali m'ghandhomx jitmexxew 'il quddiem, kif issa qed jippretendi l-akkuzat billi jestendi s-sinifikat tal-paragrafu imsemmi. Se mai jekk, wara li jigi konkluz il-process, ikun hemm dikjarazzjoni ta' htija, dan il-punt ta' fatt ikun jista' jingieb quddiem il-gudikant fl-istadju opportun, jekk ikun il-kaz, fit-trattazzjoni dwar il-piena.**

**"L-argument tad-difiza li dawn iz-zewg sub-incizi jistghu jkunu il-metodu kif din il-Qorti, wara li tiehu konjizzjoni taz-zewg sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali w tal-Qorti Ewropea, tkun tista' taghti effett lis-salvagwardji kontemplati w kontenuti fil-Kodici Kriminali huwa stirakkjat ghall-ahhar u mhux qed jigi milqugh.**

**"Ikkonsidrat;**

**"Illi mbaghad il-Qorti Kostituzzjonali, wara li kkonstatat il-lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, illimitat ruha biex tesprimi ruha kif gej :-**

***""fil-fehma ta' din il-Qorti dak illi fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz ghandu jsir sabiex jigi provdut rimedju ghal-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-dritt fundamentali tal-appellanti, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-kodici kriminali jigu skrupolozament osservati, u applikati, huwa illi dan il-gudikat jingieb a konjizzjoni ta' dik il-qorti illi eventwalment tigi msejjha sabiex tiddetermina il-proceduri kriminali inizjati kontra l-istess appellanti … u tordna illi a kura tar-registratur titqieghed kopja ta' dan il-gudikat fl-atti tal-process fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs. Dr. Noel Arrigo LL.D. et', li fih saret ir-referenza kostituzzjonali odjerna."***

**"Illi x' riedet tghid u ma tghidx il-Qorti Kostituzzjonali - w l-Qorti Ewropea meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali - bir-rimedju minnha moghti, jista' jkun biss kongetturat minn din il-Qorti, ladarba dik il-Qorti ma tatx direttivi specifici. Seta' kien intiz biex din il-Qorti, jekk il-kaz jigi quddiemha, taghmel**

**emfasi fuq il-gurija tul il-guri biex iwarrbu minn quddiem ghajnejhom kull pronunzjament li seta' sar li kien leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-akkuzat, eventwalita` li pero' f' dan il-kaz ma jidhirx li tkun applikabbli stante l-ghazla tal-akkuzat li din il-Qorti tkun komposta biss mill-Imhallef togat. Li hu cert, pero`, hu li z-zewg Qrati ma ordnawx il-waqfien tal-process kriminali kontra l-akkuzat. Anzi l-Qorti Kostituzzjonali ordnat proprju l-kuntrarju w eskludiet il-htiega li jitwaqqfu tali proceduri kontra l-akkuzat, meta qalet testwalment hekk:-**

***""…la darba gie deciz illi ma giex lez id-dritt fondamentali tal-appellanti illi l-kaz taghhom jigi mismugh 'minn qorti indipendenti w imparzjali', <u>mhux il-kaz illi jigi ordnat illi jitwaqqfu il-proceduri kriminali in kwistjoni inizjati kontra l-istess appellanti</u> ."* (emfasi w sottolinear ta' din il-Qorti)**

**"Din il-parti tas-sentenza ukoll giet konfermata mill-Qorti Ewropea meta qalet:-**

***""It is true that the applicants' request for a stay of the criminal proceedings had been rejected; however, the effectiveness of a remedy does not depend on the certainty of a favourable outcome."***

**"Dak li ma giex ordnat, anzi gie michud mill-Qorti Kostituzzjonali, kif konfermat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ma tistax taghmlu w tatieh, bhala rimedju ta' natura kostituzzjonali din il-Qorti, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tali kompetenza w setghat. Li tista' taghmel u trid bil-fors taghmel din il-Qorti hu li tara li l-kawza tigi trattata w deciza bl-akbar oggettivita` w imparzjalita` w b'mod li l-process jkun assolutament mhux influwenzat minn xi ingerenzi esterni, inkluzi dawk il-pronunzjamenti ta' xi membru ewlieni tal-ezekuttiv li kienu jammontaw ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq, skond il-Qorti Kostituzzjonali. Imma l-process irid jiehu l-*"iter*" tieghu shih.**

**“Lanqas ma tidher fondata is-sottomissjoni tad-difiza li l-ordni biex il-proceduri jitkomplew kienet tapplika ghall-proceduri tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati biss w li issa li l-kawza ngabet quddiem din il-Qorti, din il-Qorti ghandha s-setgha li, biex tosserva skrupolozament is-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali, twaqqaf il-proceduri. Il-Qorti Kostituzzjonali ma ghamlet ebda distinzjoni bejn il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u dawk issa quddiem din il-Qorti. Wara kollox kien possibbli li l-kawza setghet anki tigi determinata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sia pure bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali minnflok bhala Qorti Istruttorja, kieku ma kienx ghal fatt li l-akkuzat ma tax il-kunsens tieghu biex jigi gudikat minn dik il-Qorti ghax irrizerva l-pozizzjoni tieghu.**

**“Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li, kif obbligata, u kif intqal fl-ewwel paragrafu tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat, ser tiehu konjizzjoni tas-sentenzi in kwistjoni, ma tarax li tista’ b’xi mod tilqa’ il-kontenzjoni tal-akkuzat li t-tehid ta’ tali konjizzjoni jista’ jfisser li hi ghandha twaqqaf il-proceduri kriminali kontra l-akkuzat li issa huma pendenti quddiem din il-Qorti, kif qed jippretendi li ghandu jiftiehem l-imsemmi paragrafu l-istess akkuzat. Konsegwentement jekk l-akkuzat qed jippretendi li l-ewwel paragrafu tal-eccezzjonijiet tieghu ghandu jiftiehem f’eccezzjoni f’dan is-sens, tali eccezzjoni f’kull kaz qed tigi michuda.”**

**6.** Din il-Qorti rriproduciet *in extenso* mis-sentenza appellata ghax bazikament hija konkordi mal-mod kif dik il-Qorti kkunsidrat u ddecidiet l-ewwel punt insemmi fin-nota ta’ eccezzjonijiet tal-akkuzat tal-25 ta’ Frar 2005. Jibda biex jinghad li fil-fehma ta’ din il-Qorti s-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali ma jiccentra xejn fir-rigward tal-kwistjoni li qed jipprova jqajjem l-appellant, u cioe` li dan il-kaz m’ghandux jipprocedi aktar ‘l quddiem. Din id-disposizzjoni, infatti, kjarament tikkontempla sitwazzjoni fejn l-akkuzat <u>ikun gie regolarment ipprocessat u nstab hati</u> u jkun <u>wara dak il-verdett ta’ htija</u> li “l-punt ta’

fatt…li minhabba fih l-akkuzat m'ghandux ikun suggett ghal piena" jitqajjem. Pjuttost din il-Qorti tara, anzi, li dina d-disposizzjoni tikkontradici dak li qed jissottometti l-appellant fir-rigward tal-pretensjoni tieghu li dawn il-proceduri jieqfu. Il-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 449, invece, jitkellem, fil-parti relevanti tieghu[2], dwar "kull punt iehor ta' fatt illi minhabba fih il-kawza m'ghandhiex titmexxa ghall-mument, jew f'ebda zmien iehor 'il quddiem." Kif din il-Qorti, diversament komposta, osservat fis-sentenza taghha tal-14 ta' Settembru 1981 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Louis sive Lewis Bartolo**, il-kelma "jew" ("or" fit-test Ingliz)

**"…ghandha tittiehed f'sens kumulattiv, u mhux alternattiv, ghax altrimenti ma jinghatax 'a sensible meaning' lill-artikolu tal-ligi in ezami. Mhux koncepibbli l-kaz, infatti, ta' kawza li ghandha tinstema' issa, fil-gurnata li ghaliha giet appuntata, izda 'm'ghandhiex titmexxa' ('should not take place') f'data ohra futura. Din il-konkluzjoni temergi wkoll b'mod l-izjed car jekk wiehed jaghti harsa lejn il-ligi kif kienet originarjament fit-test Taljan, fejn l-artikolu korrispondenti ghal dak in ezami (448) kien appuntu jghid '…sia pel momento, sia in futuro'."**

**7.** Pero` jista' jinghad li effettivament l-appellant, fiz-zmien indikat fl-Artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali, issolleva eccezzjoni taht l-Artikolu 449(1)(f)? Kull ma nghad fin-nota ta' eccezzjonijiet, fl-ewwel paragrafu taghha, kien dan:

**"Illi, essendo li din il-Qorti hija issa msejjha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-esponent, l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Ottubru 2003, fejn gie dikjarat illi kien hemm lezjoni [ta'] d-dritt fundamentali tal-esponent ghal smigh xieraq garantit mill-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet**

[2] Ghax bl-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 dan il-paragrafu jibda billi jsemmi l-eccezzjoni tal-genn fiz-zmien tar-reat.

**Fundamentali u illi gie lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti garantit mill-Artikolu 39(5) tal-istess Kostituzzjoni u mill-Artikolu 6(2) ta' l-istess Konvenzjoni Ewropea u ghall-proceduri pendenti quddiem il-Qorti Ewropea u din il-Qorti Kriminali ghandha tiehu konjizzjoni ta' l-istess."**

Kull ma talab hawnhekk l-akkuzat kien li l-ewwel Qorti "tiehu konjizzjoni" kemm tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Ottubru 2003 kif ukoll tal-proceduri li allura kienu ghadhom pendenti li hu (u dak li kien originarjament ko-akkuzat mieghu, cioe` Dr Patrick Vella) kien intavola quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u li, kif rajna (*vide* paragrafu **3**, *supra*) gew konkluzi fl-10 ta' Mejju 2005[3]. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, din ma kienet eccezzjoni xejn, izda semplici rikjam biex hija tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg pronunzjamenti – tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti abbazi kemm tal-gurisprudenza taghha kif ukoll ta' din il-Qorti, avviz ta' eccezzjoni moghti skond il-paragrafu (i) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 438 tal-Kodici Kriminali ghandu jispecifika l-motivi precizi li fuqhom kull eccezzjoni tkun imsejsa u, kemm il-darba l-eccezzjoni ma tkunx taqa' taht il-paragrafu (g) tal-Artikolu 449 – jigifieri "…kull eccezzjoni preliminari ohra" – ghandu wkoll jindika ghal-liema wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1) tal-Artikolu 449 qed issir referenza. Dan huwa car anke mil-lokuzzjoni adoperata fl-Artikolu 438(2)(i) fejn jinghad li "l-akkuzat ghandu…jaghti avviz dwar l-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449…" (sottolinear ta' din il-Qorti), kliem li jindika li semplici kliem jew espressjonijiet vagi, bla motivazzjoni li b'xi mod torbot ma' xi wahda mill-eccezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 449, ma jissodisfawx il-vot tal-istess Artikolu 438(2)(i). Kienet ghalhekk korretta wkoll l-ewwel Qorti meta rriteniet li bir-referenza li saret, wara li kien skada t-terminu ta' hmistax-il jum, ghall-Artikoli 449(1)(f) u 449(4)

[3] Fl-imsemmija decizjoni, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddikjarat l-applikazzjoni tat-tnejn li huma bhala "inadmissible" u dan wara li fir-rigward ta' tnejn minn tliet ilmenti rriteniet li dawn kienu "manifestly ill-founded", filwaqt li ghar-rigward tat-tielet ilment li dan kien "…incompatible *ratione personae* with the provisions of the Convention within the meaning of Article 35(3)…".

l-akkuzat kien qieghed semplicement jipprova jestendi dak li kien issottometta fl-ewwel lok, u cioe` li l-Qorti Krminali ghandha "tiehu konjizzjoni" tal-pronunzjamenti tal-Qorti Kostituzzjonali u dak (eventwali) tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk, f'dan ir-rigward id-decizjoni appellata hija ineccepibbli.

**8.** Pero` anke li kieku din il-Qorti (u l-Qorti Kriminali qabilha) kellha ghall-grazzja ta' l-argument – u ghall-grazzja ta' l-argument biss – tghid li bil-paragrafu enumerat 1 fin-nota tal-25 ta' Frar 2005 l-akkuzat kien qed jissolleva l-eccezzjoni ravvizata fl-Artikolu 449(1)(f) – u dan abbazi tal-pronunzjamenti tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – xorta wahda tali eccezzjoni hija bla bazi. Meta l-paragrafu (f) in dizamina jitkellem dwar "punt iehor ta' fatt" dan verament irid ikun punt ta' <u>fatt</u>, oggettivament determinabbli, u <u>mhux punt li jirrikjedi interpretazzjoni ta' ligi li ma tkunx ta' indoli penali jew li jirrikjedi l-interpretazzjoni ta' xi sentenza ta' xi qorti ohra</u>. Dak li qed jitlob, invece, l-appellant huwa proprju li din il-Qorti (u, qabilha, il-Qorti Kriminali) tislet paragrafu mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali – l-ewwel bran citat fil-paragrafu **4**, *supra* – <u>u tinterpretah</u> b'tali mod li, minkejja li dik il-Qorti qalet espressament illi "mhux il-kaz illi jigi ordnat illi jitwaqqfu l-proceduri kriminali in kwistjoni inizjati kontra l-istess appellanti", dawn il-proceduri <u>issa</u> jitwaqqfu. Kieku din il-Qorti kellha taghmel hekk, flok tapplika l-ligi penali – sostantiva jew procedurali – inkluz l-Artikolu 449(1)(f) – ghall-kaz *de quo*, tkun qieghda fir-realta` taghti rimedju li l-istess Qorti Kostituzzjonali <u>espressament eskludiet</u>. Dan, kjarament, ikun jezorbita mill-funzjoni u l-kompetenza ta' din il-Qorti. Dak li, invece, jirrientra fil-funzjoni u l-kompetenza ta' din il-Qorti (kif ukoll tal-Qorti Kriminali) huwa l-obbligu li wiehed jara li s-"salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati". U hu proprju ghax il-ligi penali trid tigi skrupolozament osservata li din il-Qorti ma tistax testendi l-interpretazzjoni tal-paragrafu (f) kif qed jippretendi l-appellant. Pero` din il-Qorti tmur oltre u tghid li anke li kieku kellha s-setgha li tinterpreta s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, din tista' tinghata biss interpretazzjoni wahda u cioe` li l-proceduri

ghandhom jitkomplew, u mhux jieqfu, u li "s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati" billi (kif korrettement irriteniet l-ewwel Qorti) "il-kawza tigi trattata u deciza bl-akbar oggettivita` w imparzjalita` u b'mod li l-process ikun assolutament mhux influwenzat minn xi ingerenzi esterni, inkluzi dawk il-pronunzjamenti ta' xi membru ewlieni tal-ezekuttiv li kienu jammontaw ghal-lezjoni tad-drittijiet fondamentali ghal smiegh xieraq". Ta' min jghid li din kienet ukoll proprju l-interpretazzjoni li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat lill-ewwel bran citat fil-paragrafu **4**, *supra*. Infatti dik il-Qorti fid-decizjoni taghha qalet hekk:

**"The Constitutional Court also ordered that its judgment be brought to the attention of the tribunal called upon to determine the criminal charges pending against the applicants. This measure was aimed at providing redress for the violations found and at ensuring that all the safeguards contained in the Criminal Code were scrupulously applied. In the Court's view, the highest Court in Malta had thus made clear that the applicants' guilt or innocence should be established by the Criminal Court only on the basis of the evidence produced during the trial, and that the declarations of the Prime Minister should not have any influence on the outcome of the criminal proceedings. The Court has thus sought to place the applicants, as far as possible, in the position they would have been in had the requirements of Article 6 not been disregarded."** [4]

Ghal dawn il-motivi dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.

**9.** Nigu issa ghat-tieni aggravju. It-tieni eccezzjoni tal-akkuzat hija kjarament ibbazata fuq il-paragrafu (b) tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li Att ta' Akkuza (jew, meta l-att ta' akkuza jkollu aktar minn kap wiehed, kap ta' att ta' akkuza) ikun null "meta l-fatt migjub fl-att ta' l-akkuza ma jkunx

[4] Para. 3.

jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f'dak l-att". Skond l-appellant, fil-parti espositiva tat-tieni kap tal-Att ta' Akkuza ma hemmx, fis-sustanza, l-elementi kostituttivi tar-reat ghax, fi kliem l-istess appell

**"…element…li jehtieg li jkun prezenti huwa li s-suggett attiv…ikun ukoll asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaci li jaghmel influenza mhux xierqa fuq xi persuna msemmija fl-Artikolu 120 tal-Kap. 9…jehtieg li s-suggett attiv mhux biss ikun accetta jew ircieva l-offerta jew il-weghda, izda tali offerta tkun saret proprju ghaliex is-suggett attiv ikun asserixxa li huwa kapaci li jaghmel xi influenza mhux xierqa."**

Frankament din il-Qorti ssibha difficli tifhem kif l-appellant qed jara li fil-fatti kif esposti fit-tieni kap tal-Att ta' Akkuza ma hemmx, fis-sustanza, ir-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 121A. Anke jekk ghall-fini tar-reat kif kontemplat fl-imsemmi subartikolu (2) – u din il-Qorti f'dana l-istadju ma jidhrilhiex li ghandha ghalfejn tghid aktar ghar-risoluzzjoni tal-vertenza li ghandha quddiemha – min ikun irceva jew accetta l-offerta hemm imsemmija irid ikun ukoll "asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna" imsemmija fl-artikoli tal-ligi li jigu qabel l-Artikolu 121A, din il-Qorti tara li dan l-element tal-asserzjoni jew konferma johrog ukoll mill-fatti kif esposti mill-Avukat Generali. Tali asserzjoni jew konferma bhalma wiehed isib fis-subartikolu (1) – li tista' anke tkun mera pretensjoni, kif jispjega s-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 121A – ma hemmx ghalfejn tkun esplicita, izda huwa bizzejjed li tkun espressa implicitament jew anke indirettament u bil-metodi multiformi ta' kif hsieb jew idea jistghu jigu trasmessi minn persuna ghal ghand ohra. Din l-asserzjoni jew konferma (dejjem, s'intendi, kif qed jallega l-Avukat Generali ghax f'dana l-istadju l-Qorti ma tidholx fil-provi imma tillimita ruhha ghal dak li jkun jirrizulta mill-Att ta' Akkuza) jistghu jigu dezunti minn, ossia jinqraw fi, is-segwenti brani sottolineati mill-parti espozittiva tat-tieni kap:

**"Xi zmien wara, Anthony Grech Sant avvicina lill-Prim Imhallef Arrigo u talbu biex jghin lil Mario Camilleri u ghal dan l-iskop offrielu kumpens ta' somma ta' ghaxart-elef lira. L-akkuzat, il-Prim Imhallef Noel Arrigo, wieghed lil Anthony Grech Sant li kien ser jara kif jista' jghin lil Mario Camilleri…Ftit zmien wara Joseph Zammit avvicina lill-Prim Imhallef Noel Arrigo u ghamillu l-istess proposta u, ghal darb'ohra, il-Prim Imhallef accetta li jghinu…Xi jiem qabel is-sentenza Joseph Zammit rega' ltaqa' mal-Prim Imhallef Noel Arrigo li qallu definittivament li kienu ser jirrangawlu."**

**10.** Ghalhekk, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, il-mod kif l-Avukat Generali espona l-fatti ma jhalli ebda dubju ghal liema reat l-akkuzat qed jigi mitlub jirrispondi. Hemm ness car bejn il-fatti kif esposti u r-reat dedott fil-parti akkuzatorja, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-fatt migjub ma jikkostitwix fis-sustanza ir-reat migjub jew deskritt.

**11.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell ta' Dr Noel Arrigo LL.D. u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipprocedi skond il-ligi.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------